# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 2 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Ġuramentat Nru. 132 / 15 / 1 RGM**

**Kawża fil-lista: 1**

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mill-konvenut li permezz tieghu u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta'Awissu 2000, u ghandhom zewgt ulied, Shakira li ghandha kwazi 18-il sena u tahdem full-time u Aaeesha li ghandha 7 snin u tattendi l-iskola primarja.

Illi l-attrici flimkien mal-ulied tal-partijiet ghadhom jghixu fid-dar taz-zwieg Niagara Falls, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq, li hija proprjeta' parafernali tal-esponent.

Illi l-esponent imexxi negozju tal-garr tal-iskart bit-trakkijiet, filwaqt li l-attrici intimata ghazlet li tibqa' ma tahdimx. L-esponent minn jeddu, u minghajr ebda ordni ta' Qorti, bi flehim mal-attrici intimata, ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tat-tfal, fis-somma ta' €400 fix-xahar. L-attrici intimata llum ghandha relazzjoni ma' haddiehor, u tahdem gurnata shiha fin-negozju tieghu (ghalkemm mhux b'mod ufficjali). Hija qatt ma talbet manteniment ghaliha.

Illi fl-att promotur taghha, l-attrici talbet li '[t]iddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti, b'effett mid-data tas-separazzjoni de facto'.

Illi permezz ta' nota pprezentata fit-2 ta' Gunju 2017 (fol.335), l-esponent ammetta din it-talba, u ddikjara li l-firda de facto sehhet fit-13 ta' Jannar 2014, minghajr pregudizzju ghall-kontestazzjoni tieghu dwar it-talbiet l-ohra, u l-kontro-talbiet li ressaq.

Illi huwa car ghalhekk li l-intimata m'ghandux ikollha oggezzjoni ghal din it-talba, anzi din it-talba qed taghmilha hija wkoll fl-azzjoni principali.

Illi din il-kawza ghadha fl-istadju tal-provi tal-attrici, u ghalhekk m'hemmx prospettiva li tigi deciza fi zmien qasir (sakemm il-partijiet ma jiftehmux li jinfirdu bonarjament). Fil-frattemp, l-esponent qed jghix f' post li huwa kera meta telaq mid-dar.

Illi la darba l-attrici ghandha relazzjoni ma' haddiehor, u ghamlet l-arrangamenti biex tipprovdi ghall-ghixien taghha minghajr ma' l-introjtu taghha jista' jigi ntraccat, u wisq anqas diviz mal-esponent, hija certament mhix ser tkun pregudikata jekk din il-Qorti taghti decizjoni f'dan l-istadju fuq din it-talba taghha, ammessa mill-esponent.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha, fit-termini tal-art. 55(l) tal-Kodici Civili; tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti

bejnu u l-attrici intimata b'effett mit-13 ta' Jannar 2014, jew minn kwalsiasi data ohra li din il-Qorti jidhrilha opportun.

Rat ir-risposta tal-attrici li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti giet notifikata bit-talba ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti nhar l-14 ta' Marzu 2018 fl-udjenza quddiem din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-esponenti topponi ghall-imsemmija talba u dan stante li kemm-il darba din it-talba tigi akkolta, ser jinholoq pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tal-esponenti u dan ghar-ragunijiet segwenti;

3. Illi preliminarjament jinghad illi l-konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti mhix xi wahda kbira hafna, fis-sens li bejn il-partijiet hemm principalment biss in-negozju bl-isem Uman Group Ltd li twaqqaf fiz-zwieg huwa gestit esklussivament mir-rikorrent zewgha; u m'hemm ebda propieta' immobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti;

4. Illi ghalkemm mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tal-Banek lokali jirrizulta li l-koniugi B u s-societa' Uman Group Ltd, ghandha diversi djun, minn xhieda ohra moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju gie pruvat ampjament ukoll illi s-socjeta Uman Group hadet diversi tenders u ghandha diversi dhul;

5. Illi fost ohrajn, fil-mori tal-kawza minn diversi xhieda, rrizultaw is-segwenti:

a. Dr Victor Scerri ghan-nom ta' Wasteserv Malta Ltd spjega li C B ghan-nom ta' Uman Group Ltd rcieva Eur 140,780.12 f'diversi tenders u kuntratti;

b. Jonathan Scerri ghan-nom ta' Water Services Corporation spiega li s-socjeta' Uman Group Ltd irciviet is-segwenti kuntratti u flejjes fis-snin 2015 u 2016;

- Fis-sena 2015 - tender ta' Eur 207,768.50 u iehor ta' Eur 7,080
- Fis-sena 2016 - tender ta' Eur 161.435.80 u iehor ta' Eur 242,513.60

c. Dr Franco Agius ghan-nom tad-Dipartiment tal-Kuntratti spjega kif is-socjeta' Uman Group inghatat zewg kuntratti, wiehed ta' Eur 161.435.80 u l-iehor ta' Eur 210,000; entrambi fis-sena 2015;

6. Illi ghalkemm kif mhux kontestat ir-rikorrent sal-lum qed ihallas manteniment ta' Eur 200 ghall-izghar bint Aaeesha, ghax illum Shakira m'ghadhiex studenta, minghajr ebda ordni tal-Qorti, jinghad illi huwa ma jhallas ebda spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess bint u ghalhekk din l-istampa 'perfetta' tieghu nnifsu, bir-rispett kollu m'hi xejn ghajr faccata falza;

7. Illi kif diga rrizulta mill-provi fl-atti, u spjegati aktar 'il fuq, ir-rikorrent ghadu qed jippercepixxi wahdu ammonti sostanzjali ta' flus tramite s-socjeta' Uman Group Ltd, anke jekk l-istess flejjes huma appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u kwindi l-esponenti ghandha dritt ghal nofs l-istess;

8. Illi mill-banda l-ohra, filwaqt li l-esponent m'hi tgawdi l-ebda frott ta' dak li qed tiggenera l-komunjoni tramite l-uniku ass matrimonjali, hi ghadha marbuta b'dejn sostanzjali, u filwaqt li l-konvenut ma jinfurmax lill-esponenti u ma jaqsamx maghha d-dhul li qed jigi ggenerat, kif appena jircievi nterpellazzjoni jew- 'call in' mill-bank, malajr jiehu hsieb jinterpella lill-martu fl-istess;

9. Illi iktar minn hekk jinghad li kif ukoll pruvat mix-xhieda migbura quddiem l-Assistent Gudizzjarju, C B, anke ghamel zbank sostanzjali minn kontijiet bankarji ta' xejn inqas minn Eur 10,377.38, inkluz flejjes li kienu tal-ulied;

10. Illi bir-rispett jigi sottomess illi jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut ser jkun fil-liberta' assoluta illi jghabbi l-propjeta' parafernali tieghu, ossia d-dar konjugali f'liema sal-lum ghadhom jabita l-esponenti u l-ulied, b'dejn u juza' l-istess bhala garanzija, bil-konsegwenza li meta din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni, l-esponenti mhux ser ikollha mod kif tigbor il-krediti dovuti lilha u sehemha mill-komunjoni;

11. Illi b'zieda mas-suespost u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi lanqas m'hu minnu li l-introjru tal-partijiet huwa b'xi mod ugwali effettivament u ragel jaqla' l-flejjes elenkati iktar 'il fuq, min-negozju li nbeda fiz-zwieg, filwaqt li l-esponenti tiddependi mill-ghajnuna socjali;

12. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment tissottometti li m'hemmx dubbju li ser jigi ippruvat li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament attribwibbli lil C B u konsegwentement hemm anke lok ghal divizjoni mhux necessajament ugwali tal-komunjoni tal-akkwisti;

Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti li hija tkun ferm iktar ikkawtelata jekk tissussisti l-komunjoni tal akkwisti, stante li kemm-il darba din tinhall huwa ser ikun f'posizzjoni li jista jidhol f'obbligi finanzjarji ma' terzi a skapitu ta' kull kreditu li l-esponenti tista' tigi kanonizzata fuqu.

Tant ghandha x'jissottometti l-esponent f'dan l-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li topponi ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors ta' C B.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2018 meta r-rikors gie differit ghallum ghad-decizjoni.

**Ikkonsidrat:**

Il-partijiet qeghedin f'kawza ta' separazzjoni personali li bdiet fis-sena 2015 u ghadha pendenti. It-talba odjerna qed issir fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 li jghid hekk:

(1) Il-Qorti tista', f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza tal-firda, fuq talba ta' wiehed jew l-ohra mill-mizzewgin, tordna il-wafqien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewgin.

(2)

Is-subinciz (4) tal-istess artikolu jghid hekk:

"Qabel tordna l-wafqien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-wafqien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

Ikkunsidrat;

Irrizulta mill-istess atti, li l-komunjoni ma ghandhiex assi immobiljari, li d-dar matrimonjali fejn tghix l-attrici ma' uliedha hi propjeta' prafernali tal-konvenut, u li jappartjeni lill-komunjoni in-negozju gestit mir-ragel bl-isem Uman Group Limited. Dan hu negozju ta' maniggjar tal-iskart. Il-kumpanija ghandha l-impjegati taghha, naturalment ghandha l-ispejjez, partikolarment il-pagi u ghamlet xoghol ghall-Wasteserv Malta Limited, Water Services Corporation u d-Dipartiment tal-Kuntratti.

L-attrici, li fil-kawza ta' separazzjoni talbet ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, qed topponi ghat-talba odjerna tal-konvenut ghall-wafqien tal-komunjoni billi tippretendi li d-drittijiet taghha ser jigu pregudikati. Hi tghid li n-negozju hu kompletament gestit mir-ragel, u hi qatt ma tigi konsultata fuq xejn. Tghid li r-ragel unilateralment jizbanka flus appartenenti n-negozju, li qatt ma jaqsam maghha xi profitti tan-negozju, izda fejn jidhol id-dejn jassikura u jinsisti fuq s-solidarjeta' taghha. Hi tadduci bhala aggravju l-fatt li jekk tigi xjolta l-komunjoni l-konvenut ikun fil-liberta' li jghabbi bid-dejn il-propjeta' parafernali tieghu bi hsara ghad-drittijiet taghha ghal sehemha mill-komunjoni.

Dwar dan ghandu jinghad li jekk l-attrici thoss li qed tigi pregudikata billi n-negozju hu gestit esklusivament mir-ragel, hu fl-interess taghha li tiehu passi kawtelatorji sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fil-konfront ta' zewgha.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015 il-Qorti rriteniet li l-parti li kienet qed topponi ghall-wafqien tal-komunjoni, mhux talli ma kienitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju l-Qorti rriteniet li l-wafqien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet.

Gie wkoll ritenut illi: "….il-Qorti tosserva li l-wafqien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-wafqien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici", [**"Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015].

Fil-kawza fl-ismijiet **Josette Gatesy Lewis, wife of Imre Gatsey, in her own name as well as a curator ad litem on behalf of the minor child, Alexander Gatesy v. Andy Imre Gatesy** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016 ntqal:

"Lastly, this Court considers that the reason stated by plaintiff behind defendant's request for a cessation of the community of the acquests, which is that of being free to state after the cessation has been ordered that he had acquired the 'hidden' assets after the Court's declaration – which circumstance according to plaintiff would be very prejudicial to her rights over the acquests – does not hold ground in that the protraction of the court case does not impede defendant from making such claims after the final judgement has been given, hopefully without further unnecessary delay.

In the light of the above considerations, this Court does not consider that the acceptance of defendant’s request for a cessation of the community at this stage would constitute to plaintiff disproportionate prejudice according to law”.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ma jirrizultax li l-attrici ser issofri pregudizzju sproporzjonat jekk it-talba tal-konvenut ghal wafqien tal-komunjoni tal-akkwisti tigi milqugha f'dan l-istadju tal-kawza. Il-preokkupazzjonijiet espressi mill-attrici fir-rigward ma hux ser jigu indirizzati billi l-partijiet jibqghu marbuta bil-komunjoni tal-akkwisti. Gia jirrizulta mill-atti illi l-attrici resqet diversi provi dwar il-gestjoni tal-kumpanija de quo. Il-kawza ilha pendenti gia' tlett snin u daqstant iehor ilha tressaq provi l-attrici. Ghalhekk l-attrici kellha kull opportunita' li tressaq provi fir-rigward fir-rigward tal-komunjoni. M'ghandiex fondament legali s-sottomissjoni tal-attrici intimata illi una volta xolta l-komunjoni tal-akkwisti l-konvenut rikorrent ikun jista' jghabbi l-proprjeta' parafernali tieghu bid-dejn. Tali xenarju jista' jissussisti anke wara li l-kawza tigi finalment deciza. Ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju bl-ebda mod ma jnaqqas mid-drittijiet tal-attrici intimata qua d-dar matrimonjali fejn ghadha tirrisjedi sallum.

Il-Qorti tqis illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi terminata b'effett millum u mhux b'effett retroattiv.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tal-konvenut ipprezentat fit-13 ta’ Ottubru 2017 billi,

1. Tilqa’ parzjalment it-talba u ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili tordna l-wafqien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data li fiha din is-sentenza tghaddi in gudikat.

2. Tordna li a karigu tar-rikorrent konvenut C B kopja tas-sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| Robert G.Mangion | Lydia Ellul |
| Imhallef | Deputat Registratur |